MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tad-9 ta' Frar, 2005

Appell Civili Numru. 1727/2002/1

**Clement Gauci ezercenti l-kummerc f’ isem id-ditta "Firm Paul Gauci"**

**vs**

**Joseph u Mary konjugi Calleja**

**Il-Qorti,**

Fit-13 ta’ April, 2004, it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ippronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

“It-Tribunal,

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-15 ta’ Lulju, 2002 fejn intqal:
Illi l-attur jezercita l-kummerc f’isem id-ditta “Firm Paul Gauci” ta’ 1, Fleur de Lys Road, Birkirkara, liema ditta hija mportatrici u grossista ta’ tessuti u *interior furnishings;*

Illi wara dik id-data l-konvenut ghamel numru ta' pagamenti, liema pagamenti l-attur addebita ghall-kapital biex b'hekk il-kapital dovut nizel ghal Lm692.40, u fuq liema pagamenti l-attur mhux qed jesigi l-imghax relattiv;
Illi permezz ta' skrittura datata 3 ta' Novembru 1998 kopja annessa bhala Dok CG, il-konvenut irrikonoxxa d-dejn tieghu u ghamel pagamenti ammontanti ghal Lm445, liema pagamenti l-attur addebita ghall-imghax kummercjali ta' 8% dekorsi fuq is-somma ta' Lm692.40 mid-19 ta' Ottubru, 1984;
Illi sal-15 ta' Lulju, 2002, data tal-prezentata tal-prezenti, l-imghax bit-tnaqqis fuq imsemmi tela' ghas-somma ta' Lm537.94 kif jirrizulta mill-prospett anness bhala Dok CG2, ghal total dovut ta' Lm1,230.34;
Illi debitament interpellat il-konvenut baqa' inadempjenti ;

Jghidu ghalhekk il-konvenuti ghaliex m'ghandhux dan l-Onorabbli Tribunal jikkundannahom: (i) ihallsu s-somma ta' Lm1,230.34; (ii) ihallsu l-imghax ulterjuri fuq is-somma hekk kapitalizzata ai termini ta' l-art. 1142 Kap 16 mid-data tal-prezentata tal-prezenti sad-data ta' l-effettiv pagament; u (iii) ihallsu l-ispejjez legali.

Ra r-risposta tal-konvenuti pprezentata fil-15 ta' Ottubru, 2002 fejn intqal illi l-konvenut jikkontesta t-talba minhabba r-ragunijiet segwenti;
L-ammont mhux dovut fil-fatt u fid-dritt stante illi l-konvenut hallas il-kapital dovut.
Minghajr pregudizzju ghas-suespost u fi kwalsiasi kaz, l-ammont pretiz hu ezagerat.
Salv eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz.

Ra n-nota prezentata mill-atturi fil-25 ta' Frar, 2003, li biha irriduca t-talba tieghu bis-somma ta' mitejn u hamsa u tmenin lira Maltija (Lm285.00), b'dan illi l-pagamenti relattivi ghandhom jonqsu mill-imghax u mhux mill-kapital b'mod illi l-ammont dovut bhala sorte ghandu jinzel minn elf u mitejn u tletin lira Maltija u erbgha u tletin centezmu (Lm1230.34) ghal disa' mija u hamsa u erbghin lira Maltija u erbgha u tletin centezmu (Lm945.34).

Sema’ x-xhieda ta’ Dr Gianfranco Gauci, Joseph Calleja. Ra l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Ikkunsidra:

1. L-attur talab il-hlas tas-somma ta’ elf mitejn u tletin lira u erbgha u tletin centezmu (Lm1230.34) inkluz l-imghax.
2. Jirrizulta li sad-19 ta’ Ottubru, 1984 il-kont kien ta’ disa’ mija u sitta u erbghin lira u tmenin centezmu (Lm946.80). Irrizulta li wara li saru pagamenti dawn gew addebitati ghall-kapital, u l-ammont nizel ghall-sitt mija u tnejn u disghin lira Maltija u erbghin centezmu (Lm692.40).
3. Irrizulta wkoll li fit-3 ta’ Novembru, 1998 saret skrittura, Dok.CG, li fiha l-konvenut irrikonoxxa d-dejn u hallas hames mija u hamsa u erbghin lira Maltija (Lm445.00). Jidher li l-attur unilaterlament addebita dan l-ammont ghall-imghax dovut mid-19 ta’ Ottubru, 1984.
4. Skond l-attur sal-15 ta’ Lulju, 2002, l-imghax bit-tnaqqis tela’ ghall-hames mija u sebgha u tletin lira Maltija u erbgha u disghin centezmu (Lm537.94), Dok.CG2.
5. It-Tribunal hadem l-imghaxijiet a skaletta fuq is-somma ta’ sitt mija u tnejn u disghin lira Maltija u erbghin centezmu (Lm692.40), u dana skond id-diversi pagamenti li saru, skond ma jirrizulta mid-DokCSB1 sa CSB27, fl-ammont totali ta’ tlett mija u ghaxar liri, bejn it-13 ta’ Ottubru, 1992 u t-12 ta’ Marzu, 1999 ; kif ukoll id-Dok.GG2 dwar hlasijiet bejn it-3 ta’ Novembru, 1998 sal-1 ta’ Ottubru, 2001 fl-ammont ta’ erbgha mija u ghoxrin lira Maltin (Lm420.00). Apparti minn dan jirrizulta li meta saret l-iskrittura tat-3 ta’ Novembru, 1998 instab li l-konvenut kien hallas tmenin lira zejda. Ghalhekk wara li t-Tribunal hadem il-hlasijiet li saru, u naqqas ratealment l-imghax dovut fuq kull pagament, gie li finalment il-konvenut kien fadallu bilanc ta’ mitejn u tmienja u sittin lira u sitta u ghoxrin centezmu (Lm268.26) dovuti lill-attur, li pero` in vista tan-nota ta’ riduzzjoni ta’ l-istess attur fl-ammont ta’ mitejn u hamsa u tmenin lira Maltija, jigi li l-konvenut ma ghad ghandu jaghti xejn lill-attur, anzi jigi li hallas xi tnax-il lira aktar milli kellu jhallas.

Ghaldaqstant, filwaqt illi jakkolji l-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenuti, u peress illi t-talba attrici ma tirrizultax pruvata, it-Tribunal qed jichad it-talba attrici, bl-ispejjez kollha kontra l-istess attur fil-kwalita tieghu premessa.”

L-attur *nomine* appella minn din is-sentenza u talab ir-revoka taghha. L-ilment ewlieni tieghu jitratta minn kritika tal-kontegg li sar mit-Tribunal. *Inter alia*, huwa jissottometti li, apparti zbalji evidenti ta’ kalkolu, huwa kellu dritt in virtu ta’ l-Artikolu 1169 Kodici Civili li jaddebita l-hlasijiet li saru fl-ewwel lok ghall-imghaxijiet u mbaghad ghall-kapital;

L-artikolu precitat tal-Kapitolu 16 jipprovdi fl-ewwel (1) subinciz tieghu illi “d-debitu ta’ somma ta’ flus li taghti mghaxijiet ma jistax minghajr il-kunsens tal-kreditur, jimputa l-hlas ghall-kapital, minflok li ghall-imghaxijiet.” Jissokta jigi precizat fit-tieni (2) subinciz illi “l-hlas ta’ parti mid-dejn maghmul akkont ta’ kapital u mghaxijiet, minghajr ma jinghad ghal liema minnhom, imur l-ewwel ghall-imghaxijiet”;

Evidentement dan id-dispost jippresupponi l-ezistenza simultanea ta’ kreditu kapitali u ta’ kreditu accessorju konsistenti f’ imghaxijiet, u li huma t-tnejn likwidi u esigibbli. Id-disposizzjoni tikkonsenti wkoll lil kreditur li jirrifjuta l-hlas akkumpanjat minn imputazzjoni tal-hlas ghall-kapital pjuttost milli ghall-imghaxijiet. Xort’ ohra, il-kunsens tal-kreditur irid dejjem jigi provat mid-debitur. A propozitu, jinghad fid-decizjoni riportata a **Vol. XXXI P II p 6** illi meta d-debitu huwa wiehed u huwa fruttiferu l-pagamenti li jsiru akkont ghandhom l-ewwel jigu mputati ghall-imghax u mbaghad ghall-kapital;

Premessa din l-espressjoni ta’ hsieb dwar l-artikolu tal-ligi taht kumment, fil-fehma ta’ din il-Qorti l-punt ta’ tluq ghall-fini ta’ l-ezami tal-vertenza in diskussjoni ghandha tkun l-iskrittura ossija d-dikjarazzjoni tal-konvenut tat-3 ta’ Novembru 1998 (fol. 5) li fiha gie ffirmat l-ammont ta’ sitt

mija u tnejn u disghin lira u erbghin centezmu (Lm692.40) li sa dakinhar il-konvenut-debitur kien accetta li kien ghadu dovut minnu lill-attur *nomine*. Il-Qorti qed tikkonkludi dan fuq il-bazi tal-fatt illi (i) l-ammont inizzjali tad-debitu kien dak ta' disa' mija u sitta u erbghin lira u tmenin centezmu (Lm946.80), li jfisser allura illi l-kreditur irrikonoxxa li bejn Ottubru 1984 u d-data tad-dikjarazzjoni sarulu hlasijiet mill-konvenut li presumibilment gew addebitati kemm ghal kapital u ghal interessi, u (ii) fl-imsemmija dikjarazzjoni ma nsibu l-ebda rizerva illi oltre l-ammont surreferit ta' Lm692.40 kienu ghadhom dovuti wkoll l-interessi minn Ottubru 1984;

Issa jirrizulta ammess illi dan l-ammont ta' Lm692.40 kellu jigi ulterjorment ridott in kwantu kienu thallsu tmenin lira (Lm80) ohra li ma kienux gew kalkolati. Dan ir-rikonoxximent da parti tal-kreditur huwa in sintonija ma' l-enuncjazzjoni affermata li tghid li "*qualunque approvazione di conti s' intende sempre fatta senza pregudizio di errori od ommissioni*" (**Kollez. Vol. XX P I p 262**);

Una volta li l-punt ta' partenza ghall-iskop ta' kalkolu qed jigi determinat li kellu jkun dak tad-dikjarazzjoni tat-3 ta' Novembru 1998 u una volta l-ammont stabbilit f' din id-dikjarazzjoni qed jigi ulterjorment imnaqqas bi Lm80 ghal sitt mija u tnax-il lira u erbghin centezmu (Lm612.40) l-komputazzjoni trid issegwi din il-figura hekk plasmata fid-dikjarazzjoni u l-korrezzjoni effettiva tal-kont;

Bejn it-3 ta' Novembru 1998 u l-15 ta' Lulju 2002 (data tal-prezentata ta' l-avviz) ghaddew tliet snin u tmien xhur. Dan igib li fuq is-somma ta' Lm612.40,0 l-interessi dovuti jlahhqu l-figura ta' mija u disgha u sebghin lira, tlieta u sittin centezmu u sitt millezmi (Lm179.63,6). B' hekk is-somma komplessiva tittotalizza seba' mija tnejn u disghin lira, tliet centezmi u sitt millezmi (Lm792.03,6);

Jirrizulta mid-dokumenti esebiti minn fol. 18 sa fol. 34 illi l-konvenut hallas ratealment is-somma ta' erba' mija u hamsa u erbghin lira (Lm445). Dan mhux disputat. Jirrizulta mbaghad illi l-attur *nomine* rrikonoxxa wkoll illi oltre din is-somma kien sarlu pagament ta' mitejn u hamsa u tmenin lira (Lm285) tant li ghadda biex permezz ta' Nota prezentata fil-25 ta' Frar 2003 irreduca l-ammont pretiz minnu b' din is-somma;

Dan kollu jfisser illi jekk il-konvenut effettivament ghamel hlasijiet ammontanti ghal seba' mija u tletin lira Maltija (Lm730), l-ammont bilancjali li talvolta kien u ghadu dovut mill-konvenuti jirrapprezenta d-differenza bejn is-somma ta' Lm792.03,6 u din is-somma ta' Lm730 rapprezentanti hlasijiet; jigifieri tnejn u sittin lira, tliet centezmi u sitt millezmi (Lm62.03,6). Hu proprju dan il-bilanc li l-attur *nomine* hu ntitolat ghalih minghand il-konvenuti.

Ghal dawn il-motivi u fis-sens tal-konstatazzjonijiet fuq maghmula din il-Qorti qed tilqa' l-appell limitatament pero` ghas-somma ta' tnejn u sittin lira Maltija, tliet centezmi u sitt millezmi (Lm62.03,6). Konsegwentement tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-attur *nomine* is-somma hekk stabbilita bhala bilanc flimkien ma' l-interessi fuq din l-istess somma mis-16 ta' Lulju 2002;

L-ispejjez gudizzjarji ta' din l-istanza konsiderat l-ammont verament tenwu bejn dak reklamat u dak stabbilit b' din il-procedura, jitbatew mill-attur *nomine*.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------